# L-Istampa f'Malta

## IX.

### L-EWWEL XOGHOL LI HAREĠ MILL-ISTAMPERIJA TA' L-ORDNI

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Jissokta man-Nru. ta' Settembru, 1949, facc. 83)*

WARA ħafna snin ta' ħidma, taħbit u taqtigħ ta' qalb, minnaħa ta' l-Ordni, fl-aħħar rajna tirnexxi u titwettaq waħda mill-akbar xewqat li dan seta' qatt kellu ma' tul iż-żmien kollu li dam isaltan fuq Gżiritna; irridu ngħidu l-Istamperija li twaqqfet fil-Palazz tal-Gran Mastri.

Konna għedna li x-xogħol ta' l-istampa f'din l-Istamperija beda sewwa fit-28 ta' Ġunju, 1756. B'danakollu, fil-kotba tagħha ma tniżżel xejn qabel l-ewwel ta' Lulju ta' l-istess sena. Minn dawn nieħdu kemm kellu jkun il-ħlas fix-xahar ta' dawk li nsibu jaħdmu fiha. Għall-bidu, il-ħaddiema kienu tlieta biss: Dun Nicolò Capace, Stampatur, kellu 25 skud; u l-Qassis Malti ta' l-Ordni, Fra Franġisk Grech, 5 skudi (1). Dan kien Assistent Kompożitur, waqt li xi drabi sejħulu wkoll Intendent, jew Ajjutant.

L-Istamperija kienet tagħmel f'kollox mad-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata, bħala ħaġa waħda magħha. Fuq hekk, b'Suprintendent tagħha, biex jieħu ħsieb it-tmexxija tax-xogħol u jsir fiha, kien jiġi dejjem maħtur it-Teżorier ta' l-imsemmija Bolla Kruċjata (2). U billi fl-1756 inzerta kien il-Kmandatur Fra Bernard Arnaud, Qassis Malti ta' l-Ordni, tlaħħaq dan bħala l-ewwel Suprintendent ta' l-Istamperija tal-Gran Mastru (3).

---

(1) Ark. ta' l-Ordni, vol. 2068.

(2) 'Il quddiem bi ħsiebna nagħtu xi tagħrif dwar din il-Bolla Kruċjata.

(3) A.A. Gauci jgħid, fil-kitba tiegħu li semmejna, li n-Nutar Prevoust, bħala Kanċellier tal-Bolla Kruċjata, dam għal bosta żmien jieħu ħsieb it-tmexxija u t-treġija ta' l-Istamperija. U, biex isaħħaħ kliemu, isemmi l-vol. 2071 ta' l-Arvikju ta' l-Ordni, bl-ewwel faċċata tiegħu. Iżda dan il-vol. ma jwettaq xejn milli qal Gauci. Fih insibu biss li lil Prevoust kienu jgħaddulu xi flus f'idejh biex iħallas l-infiq li jista' jinqala' għall-bżonnijiet ta' l-Istamperija. U dana kien jagħmlu bħala skrivan. Ara kemm hu hekk. Fil-Kanċellerija tal-Bolla Kruċjata, għax l-uffiċċju tagħha hekk kien imsejjaħ, insibu żewġ skrivani. Lil wieħed igħidulu Kanċellier u l-ieħor Skrivan tal-kontijiet. B'danakollu, kif jidher mill-kotba ta'

Huma aktar minn waħda l-fehmiet ta' dawk il-kittieba, li kitbu xi ħaġa fuq l-Istamperija f'Malta, dwar liema kien l-ewwel xogħol li ħareġ mill-Istamperija ta' l-Ordni. Aħna ma rridux ingħidu hawn, f'dan l-artiklu ġdid tagħna, li l-ewwel ħidma li rat id-dawl mill-Istampa fi Gżiritna, huma dawk il-11,000 Bolla tal-Kruċjata li saru fl-1755, meta l-Istamperija ta' l-Ordni kienet għad ma nfetħitx għax-xogħol.

Tabilħaqq li fil-kotba tal-Bolla Kruċjata nsibu notament li fl-1756, taw 10 skudi lil wieħed qassis, li, b'ordni tal-Kummissarju Generali, qabbduh biex ikun hemm waqt l-istampar tal-Bolli li saru f'Malta; li taw 37 skud u 6 irbgħajja lill-Istampatur, talli stampa 11,000 Bolla; u 5 skudi lill-ħaddiema li għenu f'dana x-xogħol (4), iżda, b'dal-ftit tagħrif li jagħtuna dawn il-kotba, li hu mill-aktar imgħaddam u dgħajjef kemm jista' jkun, ma naslu mkien biex bih nistgħu nsejsu u nibnu xi ħaġa fuqu. B'dan biss, nibqgħu fejn konna. Għax la qalilna min kienu sewwa, jew x'kien jisimhom, dawk li ħadu sehem fix-xogħol tagħhom, u anqas ma tgħarrfilna kif għamlu biex stampawhom, inkella x'ħidma saret għalihom.

Tenġa', wieħed li kien jikteb x'isir u x'jiġri ta' kuljum f'dawn il-Gżejjer, ma jsemmi xejn fuq dawn il-Bolol, li, kif jingħad, huma stampati f'Malta, fil-waqt li meta daħlet l-Istampa hawn, fl-1756, jagħti ħafna tagħrif dwarha.

Għal dan il-battal kbir li ltqajna miegħu fit-tiftix li għamilna, ikollna nitqannew, kontra qalbna, b'dak il-ftit tagħrif biss li rnexxielna niksbu mill-kotba tal-Bolla Kruċjata — tagħrif li telaqna fid-dlam. Għalhekk, sa ngħaddu biex nitkellmu fuq x'kien l-ewwel xogħol li ħareġ mill-Istamperija tal-Gran Mastru, li ma nfetħitx għajr fl-1756.

Xi wħud jaħsbu li l-ħidma ewlenija li rat id-dawl ġo Malta, mill-Istamperija ta' l-Ordni, kien aktarx Sunett li kien miktub mill-Istampatur innifsu, Dun Nicolò Capace, b'tifħir u qima lill-Gran Mastru Manoel Pinto, fil-ftuħ l-Istamperija ġdida u sabiħa minnu mdaħħla u mwaqqfa f'dawn il-ħienja Gżejjer

l-imsemmija Bolla, it-tnejn kellhom ħlas xorta waħda u ndaqs — 51 skud fis-sena kull wieħed. Għalhekk bħalma għidna aħna bħala Suprintendent ta' l-Istamperija ta' l-Ordni dejjem jinħatar it-Teżorier, u mhux il-Kanċellier, billi dan ta' l-aħħar ma kienx għajr skrivan, fil-waqt li ta' l-ewwel kien fuq Prevoust.

(4) Ark. ta' l-Ordni, vol. 1997, faċ. 193.

għali-ġid u r-risq tagħhom (5). Intqal ukoll, li minn kif jidher mill-"Libro Giornale della Stamperija di S.A.S. Anni 1756-57," l-ewwel xogħol li ħareġ kienet il-Bolla Kruċjata (6). Iżda, il-fehma ta' kittieb ieħor hi, li għalkemm dawn ma rawx id-dawl qabel is-Sunett ta' Capace, jidher li, bħala l-ewwel xogħol li sar 'bil-ħlas' u ħareġ mill-Istamperija, huma l-Bolol tal-Kruċjata (7).

Tabilħaqq, fil-ktieb li hawn fuq semmejna, ktieb li jibda mill-1 ta' Lulju 1756, insibu l-Bolla Kruċjata bħala l-ewwel ħaġa li daħlet u tniżżlet fih għall-istampa. Minnha għamlu 718-il waħda biss, fosthom tnejn għall-Gran Mastru.

Is-Sunett, li kif jaħsbu kitbu Capace, ma hu mniżżel imkien fil-kotba ta' l-Istamperija. Fuq hekk naħsbu, li billi dan aktarx ġie stampat bla ħlas, ma qagħdu jieħdu ħsieb jiktbuh xejn. Diddrawwa sibnieha mtennija kemm-il darba fi ħwejjeġ oħra li stampaw b'xejn, għalkemm xi drabi tniżżel ukoll xogħol li sar bla flus.

Iżda, kontra dak kollu li ntqal mill-kittieba, la s-Sunett u lanqas il-Bolla Kruċjata ma kienet l-ewwel ħidma li ħarġet mill-Istampa f'Malta, kif sa nuru.

Għad illi l-Bolla Kruċjata nsibuha mniżżla fil-kotba ta' l-Istamperija qabel kull ħaġ'oħra li daħlet għall-istampa, din ma tħejjietx minn kollox qabel it-30 ta' Lulju. Ukoll f'did-data kienu għadhom jaħdmu fis-Sunett li kif jaħsbu nkiteb minn Capace (8).

Mela, bħalma rajna, l-ebda waħda mit-tnejn li semmejna, ma kienet hi li dehret bħala l-ewwel xogħol li ra d-dawl mill-Istamperija ta' l-Ordni.

---

(5) Qaluh Tankred Borg fit-*Times of Malta* tal-31 ta' Ottubru, 1924, u Alberto A. Gauci fl-*Archivio Storico di Malta*, A. VIII, fasc. II, Roma, 1937-XV.

(6) Għednieh aħna fil-*Labour Opinion* ta' l-1924.

(7) A.A. Gauci fil-kitba tiegħu li semmejna.

(8) Miss. Bibl. 12, faċċ. 70.

Ferdinand de Hellwald, fil-ktieb tiegħu li jismu "Bibliographie Methodique de l-Ordre de St. Jean de Jerusalem", faċċ. 149, igħid li ħareġ Sunett b'tifħir lill-Gran Mastru Pinto, fil-ftuħ ta' l-Istamperija l-ġdida minnu mwaqqfa f'Malta. Isemmi wkoll, li dan hu miktub mill-Patri Wiġi Godard, Malti. Iżda, milli jidher, De Hellwald ħa wieħed b'ieħor, billi dak is-Sunett, li kif jaħsbu kitbu Capace, qal li kitbu Godard.

Wieħed kittieb ta' żmien din il-ġrajja tagħna, il-Qassis u Avukat J.S. Mifsud, li kien imiżżel, jum b'jum, kulma jiġri f'dawn il-gżejjer, lil Godard ma jsemmih xejn. Biss dan igħid li mas-Sunett stampat ra wkoll ieħor manuskritt, miktub mill-Patri Kappuċċin Gwakkin minn Malta. Għalhekk mhux ta' min jorbot wisq fuq dak li qal De Hellwald.

Is-Sunett stampat b'tifħir lill-Gran Mastru Pinto, ma fih ebda isem ta' min għamlu. Biss taħtu jġib erba' ittri: "D.N. C.S.". Dawn ittieħdu li jfissru: "Don Nicolò Capace, Stampatore". Iżda, b'inkejja ta' dawk l-ittri kollha li jġib—ittri li qarrqu b'ħafna nies—il-kittieb tiegħu ma hux għajr il-Konti Ġalanton Ciantar (9). Dan kien wieħed mill-aqwa kittieba Maltin ta' dak iż-żmien. Biżżejjed insemmu l-"Malta Illustrata" tiegħu, ktieb f'żewġ volumi li jitħaddet dwar ġrajjietna.

M'għandniex xi ngħidu, kif inhu msawwar is-Sunett, jagħti lil min jaħseb u jifhem, li dan inkiteb biex jitqassam għall-ftuħ ta' l-Istamperija tal-Gran Mastru. Tassew li dawn il-ħwejjeġ imdorrija jidhru għal dak il-jum tal-ġrajja li jissemma fihom, biex jibqgħu b'tifkira ta' dak li jkun sar, kif hekk ukoll naraw li jingħamel fi żmienna; iżda, milli nistgħu naqbdu, dari ftit li xejn ma kienu jħabblu rashom fuq hekk, billi għalihom kull waqt kien jgħodd u jiswa, biex ixandru l-kitba tagħhom dwar dak li jridu jfakkru.

Bħalma rajna, milli għidna, hawn fuq, mhux talli s-Sunett ma ħariġx mas-sebħ ta' l-Istamperija f'Malta, imma lanqas laħqu stampawh sa xahar wara li nfetħet l-Istamperija ta' l-Ordni. Mhux talli hekk, iżda, wara li stampawh, dan l-imsejken ta' Sunett kellu jibqa' mas-sitt xhur oħra, imrekken fid-dlam, jistenna li jħennu għalih, biex joħorġuh għad-dawl, kif jidher minn dan li ġej.

Il-Gran Mastru Manoel Pinto laħaq isaltan f'Malta fit-18 ta' Jannar 1741. Għalhekk, f'kull sena li tagħlaq fil-jum ta' l-imsemmi xahar, kienet issir festa sewwa fil-Palazz u fit-Teatru b'tifkira ta' dina l-ġrajja, fejn, barra l-Opra, kien isir xi Prologu b'tifħir lill-Gran Mastru. In-nies bil-kotra tmur il-Palazz, tbus id is-Sultan u tifraħlu. Pinto jagħti ikla kbira. Għaliha jistieden lill-Isqof, lill-Inkwiżitur, lill-kbarat kollha ta' l-Ordni u lil xi Maltin.

Terġa', għal dak in-nhar saret bħala drawwa li jitqassmu dejjem xi Sunett b'tifħir lil Pinto. Fuq hekk, l-ewwel 18 ta' Jannar li ġie wara t-twaqqif ta' l-Istampa f'Malta, li ħabat dak ta' l-1757, il-magħruf kittieb Konti Ciantar qassam Sunett tiegħu bit-Taljan li jibda:

(9) Mss. Bibl. 12, facc. 70.

"Qual'astro mai la vaga luce appresta" (10).

U b'hekk, bis-saħħa ta' din il-ġrajja, l-imsemmi Sunett, għalkemm ma kellux dik ix-xorti li jieħu sehem fil-ftuħ ta' l-Istamperija ta' l-Ordni, għallanqas sewa biex, mal-merħba u l-ferħ tal-Maltin lill-Gran Mastru Pinto għall-egħluq sena oħra ta' ħajja fis-saltna tiegħu, jerġa' jfakkar ġrajja oħra mill-akbar, mill-isbaħ u li ma tintesa' qatt — f'dak il-jum li fih Pinto daħħal l-Istampa f'Malta, għall-ħtieġa, ir-risq u l-ġid ta' dawn il-Gżejjer u n-nies tagħhom.

Mela, ladarba wasalna li nħollu l-kobba mħabbla tas-Sunett, billi rnexxielna nsibu min kitbu u meta ħareġ sew, irridu nżidu ngħarrfu wkoll, li billi l-Istamperija kienet ħaġa waħda mal-Bolla Kruċjata, din ma kienet tħallas xejn għall-istampar tagħha.

Tassew li, fil-bidu tal-volum 2038 ta' l-Arkivju ta' l-Ordni, hemm li n-nefqa għall-istampar ta' 718-il Bolla telgħet 8 skudi u 3 rbgħajja; iżda hu minnu wkoll, li f'ebda ktieb ta' l-Istamperija ma jinsab imniżżel li xi darba din ħalset xi ħaġa talli stampawha. Għajr in-nefqa tal-karta ma kellhiex. B'danakollu, meta l-Istamperija tisfa' bit-telf fix-xogħol tagħha ta' ma' tul is-sena, il-Bolla kienet tagħmel tajjeb għalih hi.

Minn kulma għarrafna dwar is-Sunett u l-Bolla Kruċjata nieħdu, li ebda ħaġa minnhom ma dehret qabel xogħlijiet oħra. Għalhekk issa fadlilna ngħidu liema xogħol ħareġ l-ewwel darba mill-Istampa f'Malta. Dal-ġieh kien merfugħ biex jitgawda mill-Patrijiet Dumnikani tal-Belt.

Inzerta li ftit jiem wara li nfetħet l-Istamperija ta' l-Ordni, kellhom isiru xi "konklużjonijiet Teoloġiċi" fil-Knisja tagħhom. Għal din il-ħaġa, li kienet sa ssir b'ġieh il-Gran Mastru Pinto, l-istudent Fr. P. Ġwann Marija Pisano, ta' l-Ordni Dumnikan, ħa ħsieb biex, fit-2 ta' Lulju, 1756, jistampawlu 100 biljett ta' l-istedin (11).

B'ordni tal-Patrijiet Dumnikani ġew stampati wkoll, flimkien mal-biljetti, il-"Konklużjonijiet" li semmejna. In-nefqa ta' kollox telgħet żewġ skudi; iżda l-Gran Mastru ordna biex l-Istamperija ma toħdilhomx flus (12).

Il-"Konklużjonijiet Teoloġiċi" saru fl-4 ta' Lulju. Kien

(10) Mss. Bibl. 12, faċċ. 132.
(11) Ark. ta' l-Ordni, vol. 2069, faċċ. 10.

hemm il-Gran Mastru Pinto, flimkien mal-Kunsill ta' l-Ordni u ħafna Kavalieri. Il-post fejn dawn saru fil-Knisja, kien magħluq għalih, u tħalla għal dawn biss. Il-Patrijiet Dumnikani nstabu mad-dawra ta' l-egħluq li semmejna, fil-waqt li l-Patrijiet Ġiżwiti qagħdu fl-aħħar, wara kulħadd.

Billi, bħalma għedna iżjed 'l fuq, il-"Konklużjonijiet" kienu stampati fit-2 ta' Lulju, biex jilħqu jitqassmu għal dak in-nhar li kellhom isiru, kienu huma bħala l-ewwel xogħol li ħa l-ħajja u ra d-dawl tax-xemx mill-Istampa f'Malta (13).

Madankollu, wieħed jara li dan il-ġieh kien mistħoqq lill-Patrijiet Dumnikani, għax ifakkar li l-ewwel Stampatur li reġa' kellha Malta, Dun Nicolò Capace, drabijiet oħra kien Patri Dumnikan huwa wkoll.

* * *

Fit-taqsima VII, fejn semmejna dawk il-kotba li għandhom frontispizju li jqarraq, ħallejna wieħed barra billi laħaq tħawdilna ma' kitba oħra. Għalhekk, sa nġibuh hawn biex, din il-kitba tagħna dwar l-Istampa f'Malta, tiġbor fiha tagħrif kemm jista' jkun. Terġa', bis-saħħa ta' dan, sa ntarrfu biċċa fuq ġrajjietna, li, kif nistgħu naħsbu, ftit li xejn hija magħrufa.

Fl-"Archivio Storico di Malta", Anno I, insibu artiklu ta' Rolandi Ulderico taħt l-isem ta' "Musica e Musicisti Maltesi". F'nota li hemm fil-faċċ. 16, Ulderico jsemmi li fl-1664, f'Malta ġie stampat ktieb ta' l-opra "Annibale in Capua" (kliem ta' Nicolò Berengani u mużika ta' Pietru Pawl Ziani). B'danakollu, ma jafx meta jew fejn saret f'Malta, għax, fit-tiftix li għamel, ma sab xejn dwar Teatri ta' Malta qabel l-1731. Iżda, dak li ma ltaqax miegħu l-kittieb Ulderico, irnexxielna nsibuh aħna fl-Arkivji tal-Qrati tagħna, fejn hemm ruxxmata tagħrif fuq ġrajjietna ta' żmien l-Ordni u l-Ingliżi, dwar nies tas-snajja' professjonisti, sbirri (pulizija), Teatru, eċċ.

Il-post li kien iservi bħala Teatru, qabel ma nbena t-Teatru Manoel fl-1731, huwa dak il-post li l-lum hu magħruf b'*Main Guard*, billi dari ftit li xejn kienu jħallu suldati għassa fih. L-opri kienu jsiru fil-ġranet kollha, barra nhar ta' Ġimgħa, u jridu jispiċċaw qabel l-Ave Maria. Dari, fi żmien l-Ordni, il-*Main Guard* kienu jgħidulu "Corpo di Guardia".

(13) Mss. Bibl. 12, faċċ. 62.

Wieħed mid-dokumenti li għedna, hi talba bit-Taljan, li għamlet Kumpannija ta' l-opri fil-waqt li l-grazzja li ta l-Gran Mastru hi bil-Latin. It-talba tgħid :—

"Giacomo Galeazzi e Compagni Comici, Servi Umilissimi dell'A.V.S., espongonò riverentemente come un mese fà, mercè la grazzia di V.A.S., si portarono in questo Suo Dominio, a fine di rappresentare nel Teatro del suo Corpo di Guardia le loro opere per divertimento di suo pubblico, e desiderando principiare dette loro opere per poter havere quegli emolumenti che sono necessari per il mantenimento della loro compagnia pur anche numerose, non pötendo più soffrire le spese, che furono sin al presente costretti a fare, e però supplicando V.A.S. perchè si compiacesse concederli la licenza di poter principiare a rappresentare dette loro opere, e della gratia, ecc.

"Oratoribus supplicate concedimus exceptis diebus Veneris, et sub conditione quod representationes persolvanto ante solitem Signum Salutationis Angelicum. 20 Nov. 1706".

Fl-Arkivju tal-Qorti hemm ħafna bħal dan id-dokument li aħna konna ġibna, sew ta' snin qablu u kemm ta' warajh. Qabel il-gwerra konna qed infittxu f'dan l-Arkivju, u lħaqna indiċjajna kemm-il volum. Iżda l-gwerra gerfxitna għal kollox, billi l-Arkivju laħaq inġarr band'oħra.